**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 07 ta' Dicembru, 2022**

**Rikors Guramentat Nru: 1034/2018 AF**

**Joseph Deguara**

**vs**

**Marco Deguara u Romina Deguara**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf ta' Joseph Deguara, li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Ir-rikorrenti jiġi ħu l-intimat Marco Deguara li hu mizzewweg lil Romina Deguara.

L-intimat Marco Deguara u martu Romina Deguara huma proprjetarji tal-fond li jġib in-numru uffiċjali tlieta u tmenin u ittra "A" (83A), Triq L-Għanejja, Qajjenza.

Il-partijiet kienu ftehmu li flimkien kienu ser jibnu sular b'dana li l-attur ikollu dritt li jixtri l-fond ta' taħt ta' dak li jibnu flimkien; bit-tir li l-konvenuti joqoghdu fuq u l-attur jixtri l-post ta' tahthom minghandhom.

Fil-fatt il-partijiet kienu ffirmaw konvenju nhar is-sitta (6) ta' Settembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007); f'liema konvenju ftehmu li l-intimati jobbligaw ruħhom li jbiegħu, jassenjaw u jittrasferixxu a favur l-attur u Adrianne Grima (is-siehba li kellu dak iz-zmien), il-mezzanin fil-livell ta' first floor li jgib in-numru 83A, bla isem li jinsab fi Triq l-Għanejja, Birzebbugia; mingħajr l-arja tiegħu kif aħjar deskritt fil-konvenju msemmi liema konvenju li kien ġie ffirmat quddiem in-Nutar Ritienne Bugeja Fenech; kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument JD.

L-attur ingħata l-pussess tal-fond fl-istat li jirrizulta ftit qabel ma gie ffirmat il-konvenju u dana fl-istat li jirrizulta fir-ritratti annessi bħala <u>Dokument JD 1 sa JD 18</u>.

Bħala modailtà ta' ħlas, il-partijiet ftehmu skont l-ewwel klawsola tal-konvenju msemmi u ċioè: *"Bil-prezz ta' ħamsa u erbgħin elf lira Maltin (Lm45,000) li minnhom il-kumpraturi jobbligaw ruħhom li jħallsu is-somma ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000) mhux aktar tard mit-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007) u is-somma ta' tmint elef lira (Lm8,000) oħra mhux aktar tard mill-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgħa (2007), liema somom ser jitħallsu akkont u bħala parti mill-prezz, il-kumpraturi jintrabtu*

*u jobbligaw ruħhom li jħallsuh lil vendituri li jaċċettaw permezz ta' pagamenti ta' mhux anqa minn mija u ħamsa u erbgħin lira Maltin (Lm145) kull għoxrin (20) ġurnata tax-xahar".*

Malli sar il-konvenju l-attur beda jaħdem fil-fond.

L-attur lesta l-fond u ġabu fl-istat li jirrizulta mir-ritratti hawn annessi bħala Dokument JD 19 sa Dokument JD25; u kien jinkludi *wiring* tad-dawl ġdid, plumbing tad-dawl ġdid, drains ġodda fost xoghol varju iehor kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

L-attur kien jgħix fil-fond flimkien mas-sieħba tiegħu certa Adrianne Grima.

L-attur onera l-ftehim tal-konvenju u għadda ħlas kif ġej:

i. Għadda elfejn lira maltin (Lm2,000) sa mhux aktar tard mit-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007);

ii. Għadda s-somma ta' tmint elef lira maltin (Lm8,000) mhux aktar tard mill-wieħed u tletin ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgħa (2007).

L-esponenti baqa' wkoll iħallas il-mija u ħamsa u erbgħin lira maltija (Lm145) fix-xahar lil ħuħ l-intimat aċċettanti skont il-kundizzjonijiet tal-konvenju.

Ir-relazzjoni bejn l-attur u Adrianne Grima spiċċat lejn Mejju 2010 u magħha ġie ffirmat il-ftehim anness bħala Dokument JD26 li kien ser iħallasha it-tmint'elef u ħames mitt ewro (€8500) li hi ħarġet fil-fond.

Kien fis-sena 2013 li l-intimati talbu lil attur sabiex jirritorna lura l-fond u jċedi l-konvenju li kellhom flimkien; liema talba saret minnhom lil-attur, u li ġiet aċċettata bis-segwenti kundizzjonijiet u ċioè:

(i) Li l-attur jitħallas l-għaxart elef lira maltin (LM10,000) ekwivalenti għal tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin ewro u tlieta u sebgħin ewro ċenteżmu (€23,293.73) li kien ħareġ; u

(ii) kumpens ta’ sittax il-ewro, seba’ mija u sitt ewro u sitta u għoxrin ewro ċenteżmu (€16,706.26) u ċioè d-differenza minn erbgħin elf ewro (€40,000) għall mobbli u x-xogħolijiet li kien għamel fil-fond.

Sussegwentement l-attur issellef għaxart elef ewro (€10,000) (ara Dokument JD27) li minnhom

(i) għadda tmint’elef u ħames mitt ewro (€8500) lil Adrianne, bil-patt li l-konvenuti kellhom jibdew iħallasuhom huma lura lil bank minflok l-attur peress li kien ser jirkupraw lura l-fond;

(ii) għadda elf u ħames mitt ewro (€1,500) direttament lill-konvenuti sabiex *jissanctionjaw* li-bejt u l-kamra fuq il-bejt fuq parir tal-perit tagħhom,

u dana kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

Fit-tlettax ta’ Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (13/5/2015) il-partijiet iffirmaw l-iskrittura annessa bħala Dokument JD27, f’liema skrittura l-konvenuti irrikonoxxew li huma debituri tal-attur fis-somma ta’ erbghin elf Ewro (€40,000) u fiha ftehmu wkoll il-kundizzjonijiet sabiex isiru l-pagamenti u rratifikaw l-arrangament ta’ bejniethom in segwitu ghall-flus li ghaddew kif deskritt aktar ‘il fuq.

Il-konvenuti ma onorawx dak miftiehem mal-attur u fadal bilanc ta’ hamsa u tletin elf u disa’ mitt Ewro (€35,900) x’jithallsu lilu.

L-attur għalhekk huwa kreditur tal-intimati fis-somma ta’ ħamsa u tletin elf u disa’ mitt ewro (€35,900),

i. Wieħed u tletin elf u ħames mitt ewro (€31,500) skond il-ftehim tat-tlettax ta’ Mejju tas-sena elfejn u tlettax

(13/5/2013) skont <u>Dokument JD26</u> li baqghu sal-lum ma thallsux;

ii. Erbat'elef u erba' mitt ewro (€4,400) li huwa l-bilanc li jifdal mill-għaxart'elef (€10,000) li ssellef l-attur sabiex ihallas lil Adrianne u kif ukoll il-flus li l-attur ta lil konvenuti sabiex *jisanctionjaw* il-bejt.

Għalkemm debitament interpellati sabiex iħallsu lil-attur din is-somma, l-konvenuti baqgħu inadempjenti.

Għalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara lill-konvenuti solidalment bħala debituri tar-rikorrenti fis-somma ta' ħamsa u tletin elf u disa' mitt ewro (€35,900) oltre l-imgħax dekorribli skont il-ligi;

2. Tordna lil-konvenuti sabiex iħallsu lir-rikorrenti is-somma ta' ħamsa u tletin elf u disa' mitt ewro (€35,900) oltre l-imgħax dekorribli skont il-ligi fuq l-imsemmija somma,

Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta maħlufa tal-konvenuti Marco u Romina konjugi Deguara, li permezz taghha eċċepew illi:

Fil-mertu l-esponenti jirrilevaw illi t-talbiet hekk kif dedotti mir-rikorrenti fil-konfront taghhom huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu u dan peress illi l-esponenti mhux vera huma solidament debituri tar-rikorrenti fis-somma ta' hamsa u tletin elf Ewro u disa' mitt Ewro (€35,900).

L-esponenti jirrilevaw illi l-ftehim allegatament miftiehem mhuwiex minnu illi gie ffirmat mill-esponenti Marco Deguara izdal l-istess allegat ftehim huwa frott ta' frodi da parti tar-

rikorrenti stess fejn l-istess esponenti Marco Deguara ma ffirmax tali ftehim.

Di più l-esponenti jirrilevaw u jinnegaw illi baqa' xi bilanc dovut mill-esponenti stess a favur tar-rikorrenti fir-rigward tas-*sanctioning* tal-bejt.

Inoltre l-esponenti jinnegaw bil-qawwa certu allegazzjonijiet illi saru fir-rikors guramentat promotur min-naha tar-rikorrenti.

Ghalhekk l-ebda ammont ma huwa dovut lir-rikorrenti kif allegat mir-rikorrenti.

Apparti minn hekk l-allegat ammont mitlub mir-rikorrenti jrid jigi ppruvat minnu sal-grad rikjest mil-ligi u jrid ikun hemm ukoll il-prova tan-ness bejn l-allegat ammont mitlub u l-esponenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet li ppreżentaw il-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija azzjoni dwar ħlas li l-konvenuti huma obbligati illi jagħmlu favur l-attur ai termini ta' skrittura privata ffirmata bejn l-attur u l-konvenut ħuħ fit-13 ta' Mejju 2015. Il-konvenuti wieġbu li mhuwiex minnu li huma debituri tal-attur fl-ammont minnu ndikat. Ċaħdu wkoll illi għad fadal jitħallas xi bilanċ dwar *sanctioning*. In oltre, ġie eċċepit ukoll illi l-konvenut Marco Deguara ma ffirma ebda ftehim u li l-ftehim li jakkampa fuqu l-attur biex jissostanzja t-talba tiegħu mhu xejn għajr frodi perpetrata mill-istess attur.

Mill-provi jirriżulta illi l-intimati huma l-proprjetarji tal-fond numru 83A, Triq l-Għanejja, Qajjenza. L-intimati esprimew ix-xewqa li jibnu sular ieħor bil-ħsieb li jkun hemm mezzanin u appartament sovrastanti. L-intimati kien fi ħsiebhom jabitaw fl-appartament waqt illi jikru jew ibiegħu il-mezzanin. Il-partijiet ftehmu illi l-attur jixtri l-appartament mingħand ħuħ tant illi

b'konvenju tas-6 ta' Settembru 2007 iffirmat quddiem in-Nutar Ritienne Bugeja Fenech, il-partijiet ftehmu illi l-mezzanin kellu jinbiegħ lill-attur għas-somma ta' Lm45,000. Fuq il-konvenju l-attur ħallas depożitu fis-somma ta' Lm10,000 u l-partijiet ftehmu wkoll dwar modalità ta' ħlas għall-bilanċ rimanenti mill-prezz tal-bejgħ.

L-attur xehed illi għamel diversi xogħolijiet fil-post illi xtara. Dwar dan il-konvenut xehed illi hu u martu kienu ilhom jgħixu fl-appartament li nbiegħ lill-attur u li dan l-appartament ma kienx jinneċessita xogħolijiet. Żied jgħid illi x-xogħolijiet li saru fl-appartament saru biss għaliex hekk xtaq l-attur. Da parti tiegħu l-attur jgħid illi wettaq dawn ix-xogħolijiet u lesta l-post għall-gosti tiegħu waqt illi fil-frattemp beda jħallas lil ħuħ skont kif pattwit.

Dak iz-zmien l-attur kien qiegħed jgħix fl-appartament flimkien mas-sieħba tiegħu biss ir-relazzjoni ta' bejniethom sfaxxat għall-ħabta ta' Mejju 2010. Ai termini ta' skrittura privata tal-15 ta' Ġunju 2010 iffirmata bejn l-attur u l-ex-sieħba tiegħu, l-attur kellu jirrifondi lura s-somma ta' €8,500 rappreżentati flus li l-ex-sieħba tal-attur ħarġet għax-xogħolijiet u affarijiet oħra li saru fl-appartament.

Mix-xhieda tal-konvenut jirriżulta illi wara li l-attur ma baqax fir-relazzjoni mal-ex-sieħba tiegħu, huwa abbanduna l-appartament tant illi fis-sena 2013 il-konvenut talab lil ħuħ jagħtih l-appartament lura u jċedi l-konvenju. L-attur aċċetta bil-patt u l-kondizzjoni li jieħu lura rifużjoni fuq il-ħlas tad-depożitu mħallas fuq il-konvenju kif ukoll kumpens fis-somma ta' €16,706.26 rappreżentanti valur tal-mobbli u xogħolijiet illi l-attur ħalla fil-fond.

Fit-13 ta' Mejju 2013 l-attur u l-konvenut iffirmaw bejniethom skrittura privata li taqra hekk:

> *"Jiena Marco Deguara ID No 6421A qieghed nikkommetti ruhi li ghandi naghti is-somma ta' erbghin elf euro (€40,000) lil Joseph Deguara ID No. 304974M li minnhom iridu jitnaqqsu tmint elef u ħames mitt ewro (€8500) li gew mislufin mill-bank HSBC lil Joseph Deguara imma qieghed*

*inhallashom jien (Marco Deguara), igifieri is-somma dovuta minn Marco Deguara hija ta' wiehed u tletin elf u hames mitt ewro (€31,500) sakemm is-self ikun imhallas kollu minghand Marco Deguara. Din is-somma imsemmi hawn fuq qeghda isir fuq post ritornat lura lil Marco Deguara minghand Joseph Deguara il-post hu (83A Javier Triq l-Ghannejja Qajjenza Birzebbuga). Jiena Joseph Deguara qieghed nikkommetti ruhi li f'dan il-post imsemmi ha inhalli main bedroom, zewg (2) spare bedrooms, kcina bl-appliances, mejda u sitt (6) siggijiet, coffee table, sufan u wallunit."*

Fl-affidavit tiegħu l-attur jgħid illi huwa ssellef is-somma ta' €10,000 li minnhom ħallas is-somma ta' €8,500 lill-ex-sieħba tiegħu għar-raġunijiet indikati hawn fuq. L-attur spjega illi l-partijiet qablu bejniethom illi dan is-self jitħallas lura mill-intimati kif *del resto* ġie rifless fl-iskrittura appena riprodotta. L-attur żied jgħid illi huwa kien ukoll silef lill-konvenuti s-somma ta' €1,500 bl-iskop illi din is-somma tintuża mill-konvenuti għal *sanctioning* illi dawn kellhom jagħmlu fuq il-bejt u l-kamra tal-bejt. L-attur jgħid għalhekk illi l-konvenuti li baqgħu inadempjenti minkejja varji nterpellazzjonijiet, illum huma debituri tiegħu fis-somma ta' €35,900 in kwantu s-somma ta' €31,500 rappreżentanti bilanċ li sa llum għadu dovut fuq il-ftehim tat-13 ta' Mejju 2015 kif ukoll is-somma ta' €4,400 rappreżentanti bilanċ fuq self mill-bank HSBC u liema self l-intimati obbligaw ruħhom illi jħallsu lura huma stess.

Fix-xhieda tiegħu in subizzjoni quddiem din il-Qorti, il-konvenut ikkonferma l-iskrittura tat-13 ta' Mejju 2013 biss xehed illi din l-iskrittura ffirmaha mingħajr ma qraha. Xehed illi lanqas il-kunsens tal-mara tiegħu u cioè tal-konvenuta ma kien kiseb għar-raġuni li dik il-ħabta kien mifrud minnha.

Ukoll waqt illi kien qiegħed jixhed in subizzjoni, l-intimat iddikjara li huwa dispost iħallas lura s-somma ta' Lm10,000 rappreżentanti depożitu mħallas mill-attur fuq il-konvenju tas-6 ta' Settembru 2007. F'dan ir-rigward l-intimat esebixxa kopja ta' ftehim datat 9 ta' Diċembru 2010 li ġie ffirmat bejn l-attur u l-konvenuti għar-rigward il-ħlas lura tad-depożitu fuq il-konvenju.

L-intimat però xehed illi qatt ma kien hemm ftehim fir-rigward tal-ħlas tas-somma ta' €16,000 li l-attur jgħid hija rappreżentanti għamara u xogħolijiet li l-attur stess għamel u ħalla fl-appartament.

Finalment, l-intimati ppreżentaw in atti għadd ta' riċevuti li juru ħlasijiet li saru mill-intimati ai termini tal-iskrittura tat-13 ta' Mejju 2015 liema ħlasijiet saru direttament fil-kont tal-attur fuq medda ta' snin.

Fil-mertu, il-kwistjoni bejn il-partijiet mhijiex dwar id-debitu per se iżda dwar l-ammont dovut stante illi waqt illi l-konvenut jirrikonoxxi li huwa debitur tal-attur fis-somma ta' Lm10,000 ekwivalenti għal ċirka €23,293, l-attur qiegħed jippretendi ħlas lura fis-somma komplessiva ta' €35,900.

Jibda biex jingħad illi għad illi fir-risposta ġuramentata l-intimati jallegaw illi l-iskrittura tat-13 ta' Mejju 2013 hija l-frott ta' frodi perpetrat mill-attur, la fix-xhieda tiegħu in subizzjoni u lanqas fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom l-intimati ma elaboraw dwar din l-allegazzjoni.  Għalhekk, l-uniku aċċenn għall-frodi jibqa' dak fir-risposta ġuramentata.  In ogni każ, il-Qorti tqis illi din l-allegazzjoni ma ssib ebda konfort fl-atti.  Il-konvenut irrikonoxxa u kkonferma l-iskrittura tat-13 ta' Mejju 2013 li kopja tagħha tinsab esebita fl-atti.  Terġa u tgħid lanqas ma jidher illi l-konvenut ħa xi passi legali fil-konfront tal-attur sabiex jattakka l-validita' ta' dik l-iskrittura.  Il-Qorti tqis għalhekk illi din l-eċċezzjoni hija waħda frivola.

Il-Qorti tinsab rinfaċċjata b'kunflitt ta' provi għal dak illi jolqot l-ammont dovut.

L-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi "*l-obbligu tal-prova ta 'fatt imiss dejjem lil min jallegah*" waqt illi l-artikolu 559 tal-Kap. 12 jipprovdi illi "*Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib.*"

Għal dak illi jolqot l-apprezzament tal-provi, fis-sentenza fl-ismijiet George Bugeja vs Joseph Meilaq, deċiza fit-30 t' Ottubru 2003, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) qalet hekk:

*"Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti ghall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli. Kif kompla jingħad fl-imsemmija kawza "Farrugia vs Farrugia", "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' "in dubio pro reo"."*

*Il-konflitt tal-provi huma ħaġa li l-Qrati jridu min dejjem ikunu lesti għaliha. Il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibiltà u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex verżjoni teskludi lill-oħra, anke fuq bilanċ ta' probabiltajiet, u tal-preponderanza tal-provi, għaliex dawn, f'kawżi ċivili huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant (Farrugia vs Farrugia, deċiza mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Novembru 1966)."*

U kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet Peter Montebello vs Peter Montebello et deċiża fid-19 ta' Novembru 2013 minn din il-Qorti diversament presedut:

*"Hawnhekk ta' min jirribadixxi li in tema legali huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li 'onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat.' Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. "Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b 'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali*

*f'mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabbiltajiet. Mera possibbilta' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabbilta' civili. " (PA (NC)" Frank Giordmania Medici et vs William Rizzo et*" - Deciza 28 April 2004).

Dwar il-provi mistennija mill-attur, fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-12 t'April, 2007 fl-ismijiet Joseph Tonna vs Philip Azzopardi ingħad illi:-

"*In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:*

*a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova tal-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta ' l-attur (reus in excipiendo fit actor) — Ara Vol. XL v1/i/5*.

*b) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri primafacie li t-tezi tal-attur hija sostenuta ' - Ara vol. XXXVII/i/577,*

*c) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew tal-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*

*d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk*

*il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik*

*id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita', kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni — Ara b 'ezempju Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco -App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)*".

Fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Settembru 2013 fil-kawża fl-ismijiet Chef Choice Limited vs Raymond Galea et, din il-Qorti diversament preseduta siltet is-segwenti osservazzjonijiet:-

"*Illi l-Qorti tqis li, ghalkemm il-grad ta' prova fil-procediment civili m'huwiex wiehed tassattiv daqs dak mistenni fil-procediment kriminali, b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b 'sahhithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-procediment civili ma tistax tkun semplici supposizzjoni, suspettjew kongettura, imma prova li tikkonvinci lil min irid jaghmel gudizzju (ara P.A. DS 13.2.2001 fil-kawza fl-ismijiet Nancy Caruana vs Odette Camilleri mhix pubblikata, imma fdan ir-rigward, konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-27.2.2004)*…

*Illi minbarra dan, il-parti attrici ghandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi ghat-talbiet taghha b'mod li, jekk tonqos li taghmel dan, iwassal ghall-helsien tal-parti mharrka (App. Inf JSP 12. l. 2001 fil-kawzafl-ismijiet Hans J. Link et vs Raymond Mercieca).*

*Il-fatt li l-parti mharrka tkun ressqet verzjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attrici ma jfissirx li l-parti attrici tkun naqset minn dan l-obbligu, ghaliex jekk kemm-il darba l-provi cirkostanzjali, materjali jew fattwali jaghtu piz lil dik il-verzjoni tal-parti attrici, l-Qorti tista' taghzel li toqghod fuqha u twarrab il-verzjoni tal-parti mharrka. Min-naha l-*

*ohra, il-fatt li l-parti mharrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti*

*attrici, ma jehlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet taghha (App. Inf PS 7.5.2010fil-kawza fl-ismijiet Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil);*

*Illi huwa ghalhekk li 1-ligi torbot lill-parti f'kawza li tipprova dak li tallega (Art. 562 tal-Kap 12) u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova (Art. 559 tal-Kap 12).*

*Illi l-Qorti tqis li, izda, bhal ma jigri f'kazijiet bhal dawn, il-verzjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setghu nvoluti maghhom ikunu ta bilfors mizghuda b'doza qawwija ta' apprezzament suggettiv ta' dak li jkun gara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpingi lilha nnifisha bhala l-vittma u l-parti l-ohra bhala l-hatja, u dan jghodd ukoll ghall-verzjonijiet li jaghtu dawk il-persuni l-ohrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgharbel minn fost dawn il-verzjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistghu jirrizultaw il-fatti essenzjali li jistghu jghinuha tasal biex issib x'kien li tassew gara u kif imxew l-affarijiet;*

*Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp civili, il-piz probatorju m'huwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju ragonevoli (App. Inf PS 7.5.2010 fil-kawza fl-ismijiet Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil). Izda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistghu jkunu plawsibbli, il-princpju ghandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra taghha tkun saret l-allegazzjoni (P.A. NC 28.4.2004 fil-kawza fl-ismijiet Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo el).*

*La darba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jsehhlux iwettaq dan, il-parti l-ohra m'ghandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-principju li actore non probante reus absolvitur (P.A. LFS 18.5.2009fil-kawza fl-ismijiet Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.)*

*Min-naha l-ohra, mhux kull konflitt ta’ prova jew kontradizzjoni ghandha twassal lil Qorti biex ma tasalx ghal decizjoni jew li jkollha ddur fuq il-principju li ghadu kemm issemma. Dan ghaliex, fil-qasam tal-azzjoni civili, l-kriterju li jwassal ghall-konvinciment tal-gudikant ghandu jkun li l-verzjoni tinstab li tkun wahda li l-Qorti tista toqghod fuqha u li tkun tirrizulta bis-sahha ta xi wahda mill-ghodda procedurali li l-ligi tippermetti fil-process probatorju (App. Civ. 19.6.2006 fil-kawza fl-ismijiet Emanuel Ciantar vs David Curmi noe).*

*Fit-twettiq ta' ezercizzju bhal dak, il-Qorti hija marbuta biss li taghti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-ragunijiet u l-kriterju tal-hsieb li hija tkun haddmet biex tasal ghall-fehmiet taghha ta' gudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (App. Inf 9.1.2008 fil-kawza fl-ismijiet Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et).*

Abbażi tal-iskrittura tat-13 ta’ Mejju 2013 jidher illi l-kostituzzjoni ta’ debitu saret għas-somma ta’ €40,000 li minnhom kellha titnaqqas is-somma ta’ €8,500 liema somma, għalkemm mislufa mill-Bank HSBC lill-attur, kellha titħallas lura mill-intimati. Għalhekk, fuq l-imsemmija skrittura ġie mniżżel bi kliem ċar u tond illi “*somma dovuta minn Marco Deguara hija ta’ wiehed u tletin elf u hames mitt ewro (€31,500)*”.

Mas-somma ta’ €31,500 li l-attur jgħid illi għada ma tħallsitx lura, l-attur qiegħed jippretendi wkoll il-ħlas tas-somma ta’ €4,400 li l-attur jgħid hija rappreżentati bilanċ mis-somma ta’ €10,000 li l-attur issellef mill-bank.

Fir-rigward tas-self mill-bank, l-iskrittura privata ffirmata bejn il-partijiet tgħid ċar u tond, fi kliem sempliċi li ma jippermetti ebda nterpretazzjoni mġebbda, illi minn dan is-self l-intimat obbliga ruħu illi jħallas is-somma ta’ €8,500. Imkien ma jingħad illi l-intimat obbliga ruħu għar-rifużjoni tal-ammont intier misluf. Fit-tieni lok, dejjem għar-rigward il-kwistjoni tas-self mill-bank, kien jinkombi fuq l-attur illi jiskarika l-piż tal-prova dwar il-bilanċ li sa llum għadu jrid jitħallas. Din il-prova ma saritx għaliex waqt li l-attur fil-fatt illi jippreżenta kopja tal-ftehim tas-self ma ppreżentax ukoll *statement* tal-bilanċ li fadal jitħallas lura. Mill-

banda l-oħra il-konvenut ippreżenta fl-atti għadd ta' riċevuti li jindikaw ħlas minnu fil-kont tal-attur. Mhux magħruf però jekk

tali pagamenti sarux akkont tal-ammont pattwit fuq l-iskrittura privata tat-13 ta' Mejju 2013 inkella akkont tas-self mill-bank. Minn konteġġ tal-ammonti riflessi fl-irċevuti esebiti a fol. 158 sa 204 tal-proċess jirriżulta illi l-intimati ħallsu komplessivament is-somma ta' €6,840. Il-Qorti tosserva li x-xhieda tal-konvenut dwar il-fatt li għamel xi pagamenti kif ukoll il-prova permezz tal-irċevuti appena msemmija la ġew kontradetti u lanqas kontrastati.

Konfrontata b'kunflitt ta' provi il-Qorti trid tgħarbel liema verżjoni hija tassew l-aktar waħda kredibbli. Kif ingħad fil-prinċipji ta' dritt traċċjati aktar 'il fuq, il-Qorti trid tagħmel evalwazzjoni dwar jekk verżjoni waħda teskludix l-oħra. Fil-każ ta' llum l-ebda verżjoni ma tista' tiskredita lill-oħra. Il-Qorti tqis illi l-verżjoni fornita mill-konvenut illi dan diġà radd lura parti mis-somma ta' €40,000 hija suffiċjentement korroborata fl-atti permezz tal-irċevuti bankarji li juru numru ta' pagamenti li ġew mgħoddija mill-konvenut lill-attur. Mill-banda l-oħra anki l-attur jgħid is-sewwa meta jgħid li għad fadal bilanċ x'jitħallas. Il-Qorti però ma taqbilx li l-ammont dovut huwa dak pretiż mill-attur fis-somma komplessiva ta' €35,900. Tgħid dan għaliex jekk mis-somma globali ta' €40,000 wieħed inaqqas is-somma ta' €6,840 liema ammont diġà ġie mħallas, jifdal bilanċ komplessiv fis-somma ta' €33,160.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib illi l-konvenuti huma debituri tal-attur għas-somma ta' €33,160.

Għalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' t-talbiet u tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tal-attur fis-somma ta' tlieta u tletin elf, mija u sittin Ewro (€33,160) oltre l-imgħax legali dekorribbli sal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta’ din il-kawża għandhom jitħallsu mill-konvenuti.

IMHALLEF

DEP/REG